MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 56

24 ta' Mejju 2016

Minuti tal-Ewwel Parti tas-seduta Nru. 56 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 24 ta' Mejju 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sur E. Bartolo aċċenna għall-minuta 9.5. **(Ref: T/4/13/Vol IX)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif jidher hawn taħt:

"*9.5. Is-Sindku qal li minkejja huwa favur li jiżdied l-element barrani fil-festival, ma jaqbilx li l-Kunsill jagħmel tajjeb għall-akkomodazjoni ta' gruppi u baned li jiġu mistiedna. Huwa qal li l-fattur ta' żieda fin-nefqa jeħtieġ li jitqies fid-dawl tal-fatt li hemm attivitajiet oħra li jinvolvu nefqa konsiderevoli fi spazju ta' ftit ġimgħat. Il-Kunsillier E Bartolo qabel mal-fehma tas-Sindku, anzi żied jgħid li ma jaħsibx li hu ġustifikat li jintefqu €4500 għall-grupp barrani biex jieħu sehem f'lejla waħda jew tnejn. Hu qal li fil-fehma tiegħu jkun aħjar jekk avveniment bħal dan jiġi nkluż waqt l-Iljieli Melleħin.*".

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta Nru. 54, li saret fit-3 ta' Mejju 2016, bl-emenda t'hawn fuq u għalhekk il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Festa ta' Selmun (F/2/2)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti, fejn kien deċiż li għandu jiġi kkonsultat l-Arċipriet tal-Mellieħa dwar l-intenzjoni tas-Selmun Residents Association li terġa ssir il-Festa tal-Madonna tal-Fidwa f'Selmun. Permezz ta' imejl datat 12 ta' Mejju 2016, l-Arċipriet Joe Caruana wieġeb illi din hija materja li tiġi trattata mill-Kurja direttament, filwaqt li apprezza l-prudenza li qed jimxi biha l-Kunsill .

2.1.3. Saret referenza wkoll għal imejl mibgħut mis-Selmun Residents Association tal-10 ta Mejju 2016, fejn qalu li huma kitbu dwar is-suġġett lill-Kurja direttament, għalkemm li l-intenzjoni hija li l-festa ssir xorta waħda bħala attività soċjali, mingħajr l-element reliġjuż.

2.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jistenna l-opinjoni tal-Kurja qabel jikkommetti ruħu fuq din il-materja.

**2.2.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol II)**

2.2.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.1.3. tas-seduta ta' qabel u għarraf li ntbagħtet tweġiba għall-ittra ġudizzjarja datata 28 ta' April 2016, mibgħuta mill-avukat tal-offerent Paul Cardona. Fl-ittra tiegħu l-konsulent legali tal-Kunsill wieġeb li ser tiġi rispettata d-deċiżjoni tal-*Public Contracts Review Board*, kif obbligat li jagħmel, billi joħroġ sejħa ġdida għall-offerti.

2.2.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet, filwaqt li qabel li għandu jintalab parir mingħand il-konsulent legali dwar iż-żmien opportun biex issir is-sejħa.

**2.3.1. Espressjoni ta' interess dwar ir-restawr u l-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)**

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saret laqgħa oħra mas-Soċjetà Din l-Art Ħelwa (DLH) fil-12 ta' Mejju 2016. Għaliha attendew Professur Luciano Mulè Stagno, u s-Sinjuri Maria Grazia Cassar, Ian Camilleri u Martin Scicluna. Għan-naħa tal-Kunsill attendew is-Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri A. Brincat Stellini, J. Gauci, J. Attard, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Fl-istess laqgħa, in-naħa tal-Kunsill ikkonfermat li l-proposta ta' DLĦ kienet l-iktar waħda preferuta. Għaldaqstant ġie mgħoddi aktar tagħrif f'dak li huwa titlu li ngħata l-Kunsill fuq it-torri, kif ukoll dwar il-permessi maħruġa mill-MEPA. Kopja tad-dokumentazzjoni meħtieġa ġiet mgħoddija lil DLĦ bil-għan li jitfassal abbozz ta' ftehim dwar ir-restawr u l-kustodja tat-torri.

2.3.3. Is-Segretarju għarraf li l-offerenti l-oħra - Sustainable Built Environment Malta (SBEM) - ġew infurmati bid-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. Sistema ta' dwal fi Triq Dun Manwel Grima u Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata (P/4/31)**

2.4.2. Is-Segretarju aċċenna għall-minuta 2.4.1. tas-seduta ta' qabel dwar is-suġġett u għarraf li saru rappreżentazzjonijiet mal-kumpanija tal-assikurazzjoni bil-għan li tkopri l-ispejjeż tad-dwal LED li ntfew ftit wara li ġiet installata s-sistema b'riżultat tal-kawża ndikata mill-manifattur. Minn naħa tagħha l-kumpanija tal-assikurazzjoni talbet li timtela' il-*claim form* li tkun akkumpanjata minn stima ta' inġinier. Fil-fatt intalbet stima mingħand l-inġiniera nkarigati mill-Kunsill – Galea Curmi Engineering Consultants.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Intervisti lill-persuni b'diżabilità nteressati fil-*Community Inclusive Employment Scheme* mnedija mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Taħriġ (P/7/2/Vol II)**

2.5.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li huwa nforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Taħriġ fuq l-eżitu' tal-intervista li saret. Mill-kuntatti verbali li huwa kellu, irriżulta li l-iskema tipprovdi li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jkopri il-paga għal perjodu ta' tliet snin, filwaqt li l-Kunsill jeħtieġ li jħallas il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali.

2.5.3. Is-Sur C. Debono kompla jgħid li meta tħabbret l-iskema, il-Kunsill kien wera li huwa nteressat jimpjega persuna fuq bażi *part time*, filwaqt li l-*vacancy* numru 303645 mgħoddija mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Taħriġ kienet intiża għal impjieg fuq bażi *full time*. Sabiex ikun jista' jsir dan, ikun meħtieġ permess mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.5.4. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill iddeċieda li jimpjega lis-Sur Jonathan Camilleri, kemm-il darba jinħareġ il-permess mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**2.6.1. Pubblikazzjoni "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / Mellieħa *Through the Tides of Time*" (P/4/5/Vol III)**

2.6.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.6.4. tas-seduta preċedenti u għarraf li kellu kuntatti mal-editur is-Sur Jeffrey Sammut, li esprima l-ideja illi minflok tinħareġ edizzjoni riveduta tal-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, jiġi ppubblikat it-tieni volum li jkun jikkonsisti f'artikli ġodda. Dan minħabba li wħud mill-awturi tal-pubblikazzjoni originali mietu u għalhekk ma jkunx ġust li l-artikoli li jidhru taħt isimhom jiġu editjati.

2.6.3. Is-Sur J. Buttigieg irrakkomanda wkoll li matul is-sena 2017 għandha ssir *rerun* tal-edizzjonijiet oriġinali fil-verżjoni *soft bound*.

2.6.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 2.6.3. u għalhekk talab li jinġabru stimi.

**2.7.1. Sejħa ta' interess – *EDEN Network Meeting* (T/12/2)**

2.7.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-EDEN Network Association aċċettat il-proposta li saret mill-Kunsill sabiex l-*EDEN Network Meeting* issir fil-Mellieħa fil-25 u s-26 ta' Ottubru 2016. Il-vot fuq l-għażla tal-post ittieħed fl-Assemblea tal-EDEN li saret fi Brussel fis-17 ta' Mejju 2016. Kien hemm proposta oħra mil-lokalità ta' Corinaldo fir-reġjun tal-Marche fl-Italja. Il-kandidatura tal-Mellieħa kienet debattuta, peress li l-konferenza diġa saret fil-Mellieħa fl-2011. Minkejja dan, l-għażla waqgħet fuq il-Mellieħa billi l-proposta kienet preżentata fid-dettal u b'mod fattibbli. Il-konnessjoni bl-ajru, kif ukoll id-distanzi qosra bejn l-ajruport u l-post fejn proposta l-konferenza, kienu fatturi li ġew ikkunsidrati.

2.7.3. Is-Sur C. Bartolo spjega li l-proposta kif preżentata tinkludi l-attivitajiet segwenti:

| | |
|---|---|
| 4 ta' Ottubru<br>16.00 – 19.00 | Attività nformali;<br>*Jeep Safari* fil-Park tal-Majjistral. |
| 20.30 – 23.30 | Attività formali li tikkonsisti f'ikla fejn id-delegati jingħataw merħba. |
| 5 ta' Ottubru<br>08.15 – 09.00 | Reġistrazzjoni tad-delegati u *welcome coffee*; |
| 09.00 – 10.45 | Diskorsi ta' merħba mill-Ministru tat-Turiżmu u s-Sindku u tiġi segwita l-aġenda tal-Ewwel Sessjoni tal-konferenza. |
| 10.45 – 11.00 | Waqfa għall-kafè. |
| 11.00 – 12.00 | It-Tieni Sessjoni tal-konferenza. |
| 12.30 – 14.00 | It-Tielet Sessjoni tkun waqfa għall-ikel, fejn id-delegati jitkellmu bejniethom b'mod informali. |
| 14.00 – 16.00 | Ir-Raba' Sessjoni tal-konferenza |

Is-Sur C. Bartolo kompla jispjega li fil-5 u s-6 ta' Ottubru ser ikun hemm l-attivitajiet organizzati mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, għal dawk id-delegati li jkun jixtiequ jibqgħu għalihom.

2.7.4. Il-Viċi Sindku spjega li l-ivjaġġar u l-akkomodazzjoni ser jagħmel tajjeb għalihom l-EDEN Network, filwaqt li l-arranġamenti marbuta mal-attivitajiet indikati fil-minuta 2.7.3. aktar 'il fuq irid ikoprihom il-Kunsill. Biex jitnaqqas l-impatt tal-ispiża li din il-konferenza tinvolvi, qed isiru kuntatti mal-istess Awtorità Maltija tat-Turiżmu, il-Ministeru tat-Turiżmu, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Ministeru tal-Finanzi, kif ukoll man-*National Enterprise Support Awards* fi ħdan id-Dipartiment tal-Kummerċ. Is-Sur C. Bartolo qal li aktar 'il quddiem huwa ser ikun qiegħed iressaq baġit li jkopri l-jumejn ta' attivijiet li ser ikun responsabbli għalihom il-Kunsill.

2.7.5. Is-Sindku rringrazzja u feraħ lis-Sur C. Bartolo għall-inizjattiva meħuda b'suċċess, filwaqt li rrakkomanda li apparti l-kuntatti ndikati fil-minuta 2.7.6. għandhom jiġu kkuntattjati entitajiet

involuti fil-qasam tat-turiżmu bbażati fil-lokalità, li fl-aħħar mill-aħħar huma jistgħu jibbenefikaw direttament minn inizjattiva bħal din.

2.7.6. Il-Kunsill ingħaqad mal-apprezzament espress mis-Sindku.

### 2.8.1. Mużew dwar it-tkabbir tal-għasel (P/10/3A)

2.8.2. Is-Sindku refera għall-minuta 16.1. tas-seduta ta' qabel dwar inizjattiva li qed tittieħed mit-Taqsima tal-Agrikoltura fl-Università ta' Malta, li qed tħejji applikazzjoni għall-finanzjament taħt il-Programm ta' Koperazzjoni Territorjali – Italia – Malta, dwar il-ħolqien ta' mużew li jittratta t-tkabbir tal-għasel fl-irziezet ta' Selmun. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret laqgħa li attendew għaliha s-Sinjuri Adrian Bugeja Douglas mill-Università ta' Malta, Daniel Borg u Jeffrey Sammut mill-Fondazzjoni ARKEO. Għan-naħa tal-Kunsill attendew is-Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri A. Brincat Stellini, J. Gauci, J. Attard. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li s-Sur Dougall talab l-appoġġ tal-Kunsill għall-inizjattiva sabiex issaħħaħ l-applikazzjoni għall-finanzjament li qed iħejji.

2.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-appoġġ mitlub għandu jingħata, peress li dan il-proġett jagħti aktar skop lill-proġett tal-*heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ.

### 2.9.1. Sejħa għall-Offerti 1/2016 - *Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari (T/4/13/Vol XI)

2.9.2. Saret referenza għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti waqt li l-*Contracts Manager* – il-Perit Joseph Attard – kien preżenti. Huwa ppreżenta skeda ta' rati addottata minn Transport Malta biex tħaddem il-framework agreements li għandha mal-kuntratturi tagħha. Il-Perit Attard spjega li r-rati kkwotati minn Central Asphalt Ltd ma jaqbżux dawn ir-rati, f'xi każi anke biż-żieda ta' 5% tal-Contract Management Fee.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.10.1. Ċentru ta' interpretazzjoni fil-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol IV)

2.10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal illi fost l-isforzi li qed isiru biex il-batterija tiġi żviluppata bħala ċentru ta' interpretazzjoni, attwalment bil-għajnuna tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-MEUSAC, qed tiġi mfassla applikazzjoni preliminari. Dan sabiex aktar 'il quddiem tiġi sottomessa applikazzjoni formali għall allokazzjoni ta' fondi taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2016-2019. Il-progett huwa stmat li jiswa €400,000 u għaldaqstant il-Kunsill huwa mistenni li jalloka 20% (€80,000) mill-fondi ordinarji tiegħu għal dan il-proġett. Is-Sur C. Bartolo qal li 80% tas-somma li jrid jalloka il-Kunsill, tista' tiġi rkuprata mill-Fond tal-Kofinanzjament.

2.10.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 20/05/16;
- Skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* -18/02/16 – 08/04/16;
- Skeda ta' pagamenti – 30/04/16 – 20/05/16;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet; u
- Stqarrijiet Finanzjarji għall-2015 wara l-verifika; u
- Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2016;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Ħatra ta' Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali (C/1/Vol XVII)

4.1.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għal messaġġ mibgħut mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fis-16 ta' Mejju 2016. Huwa ppropona li tintbagħat ittra ta' awguri lis-Sur Adrian Mifsud.

4.1.3. Il-Kunsill ingħaqad mal-proposta mressqa mill-Viċi Sindku.

**4.2.1. Attività parti mill-Valletta 2018 (F/4)**

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 19 ta’ Mejju 2016, mibgħuta mill-Fondazzjoni Valletta 2018, fejn il-Kunsill intalab jħajjar lill-għaqdiet tal-lokalità jorganizzaw ikliet bil-għan li jinġabru fondi b’riżq l-istess għaqdiet. Il-ħsieb huwa li l-lokalitajiet kollha li jorganizzaw attività, li qed tissejjaħ “L-Ikla t-Tajba”, fl-istess jum u ħin. Il-Kunsill intalab jgħid jekk l-għaqdiet tal-lokalità humiex interessati jieħdu sehem u tiġi ffissata data meta l-uffiċjali tal-fondazzjoni jkunu jistgħu jitkellmu magħhom.

4.2.3. Il-Kunsill iddeċieda li d-data tal-laqgħa għandha tkun il-15 ta’ Ġunju 2016 fis-7.30pm fis-Sala tal-Kunsill. Għaldaqstant għandha tintbagħat ittra lill-għaqdiet li normalment jorganizzaw attivitajiet simili.

**4.3.1. Riċikklar ta’ tessuti (K/6/10/Vol III)**

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 5 ta‘ Mejju 2016, mibgħuta minn ReFab Textile Recycling, fejn ipproponew li jitpoġġew konteníturi fil-lokalità biex jiġu depożitati tessuti, żraben u basktijiet wżati sabiex jiġu riċikklati.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li ż-żieda ta‘ aktar kontenituri f’postijiet pubbliċi jkompli jesponu l-lokalità għal aktar abbużi. Minkejja dan, il-Kunsill ikun iktar interessat f’ġabriet simili f’dati stabbiliti minn postijiet partikari.

**4.4.1. Proġett *eMovie-Lab* (P/10/1/Vol IV)**

4.4.2. Inqara imejl datat 24 ta’ Mejju 2016, mibgħut f’isem il-Comune di Casalborgone, fejn il-Kunsill ġie mistieden sabiex jieħu sehem fil-proġett imsemmi hawn fuq. Attwalment qed titħejja applikazzjoni ħalli dan il-proġett jiġi ffinanzjat permezz tal-programm Erasmus Plus 2014-2020 Key Action 1, tal-Unjoni Ewropea. Huwa maħsub li dan jitwettaq bejn id-9 u 17 ta’ Settembru 2017. Ġie spjegat li l-għan tiegħu huwa sabiex iż-żgħażagħ jirriflettu dwar is-sinifikat tal-inklużjoni soċjali. Il-proġett jinvolvi skambji ta’ żgħażagħ biex flimkien iwettqu programm ta’ xogħol iddiżinjat minnhom stess dwar l-użu ta’ mezzi audioviżivi u metodi li jwasslu għal krejattività.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta’ Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 20 ta’ Mejju 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma’ Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta’ pagamenti li tkopri bejn it-30 ta’ April u l-20 ta’ Mejju 2016.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta’ infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn it-30 ta’ April u l-20 ta’ Mejju 2016.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi.

6.5. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Ftehim dwar il-kustodja tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija u tal-Batterija ta’ Westreme (Mużew tat-Tunnara) (A/6/7/2/Vol II)(P/4/4/Vol IV)**

7.2. Is-Sindku għarraf li l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina aċċettat it-test tal-ftehim kif approvat mill-Kunsill, iżda talbet li l-klawsola 6(ii) tiegħu tinqara hekk:

*“6.(ii) The Supervisory Committee shall be composed of a Chairman and a Councillor, both appointed by the Local Council, and a member appointed by the Manager. It is hereby being further agreed that the Chairman shall not be an active member in any registered voluntary organisation.”.*

7.3. Il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni għall-emenda proposta u għalhekk il-ftehim ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sinjuri Joseph Debono u Gaetano Sultana, President u Segretarju tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, rispettivament.

7.4. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal ittra datata 5 ta' Mejju 2016, mibgħuta mill-Art Club 2000, fejn ingħad li bl-istat attwali li tinsab fih il-batterija ta' Westreme, ħafna nies qed jibqgħu lura milli jidħlu fiha. Għaldaqstant, l-għaqda tħoss li mhux għaqli illi jiġi ffirmat xi ftehim f'dan l-istadju.

7.5. Fid-dawl tat-tweġiba mogħtija, il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa mal-Kumitat tal-Art Club 2000 fil-31 ta' Mejju 2016 fis-6.30pm.

## 8.1. Tħejjijiet għall-Mellieħa *Music Festival* 2016 (A/5/3/1/Vol XIV)

8.2. Il-Viċi Sindku spjega li l-mużiċisti differenti ser jużaw żewġ palki – wieħed għola mill-ieħor - u ser jintramaw fil-parti ta' Misraħ il-Parroċċa kantuniera ma' Triq il-Parroċċa. Is-Sur C. Bartolo qal li l-programm finali ser ikun kif ġej:

<u>Knisja tal-Manikata</u>

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis<br>2 ta' Ġunju<br>20.00 – 20.45 | Tnedija tal-festival b'diskorsi mill-Onor. Owen Bonnici Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, mis-Sur Jason Micallef Chairman tal-Fondazzjoni Valletta 2018; u mis-Sindku John Buttigieg.<br>Kunċert mill-Cantamici Choir mill-Leicester fl-Ingilterra. |

<u>Misraħ il-Parroċċa - Mellieħa</u>

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa<br>3 ta' Ġunju<br>20.30 – 21.30 | Società Filarmonica La Vittoria<br>Kumitiva Għawdxija<br>Wallace Pipes & Drums |
| Is-Sibt<br>4 ta' Ġunju<br>20.00 – 23.00 | Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial<br>Cantamici Choir<br>Banda Imperial u żewġ korijiet<br>Liston Bongailas Break Dance<br>Grupp JAMM |
| Il-Ħadd<br>5 ta' Ġunju<br>20.00 – 23.00 | Kor u Orkestra Maria Bambina<br>L-Ensemble tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali<br>Jackson's Pipe Band & Flame Piper |

9.1. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppreżenta rendikont tad-dħul u spejjeż previsti, kif jidher hawn taħt:

| **Deskrizzjoni tad-Dħul / Spiża** | **€** |
|---|---|
| Fondi Allokati mill-Kunsill | 8,500 |
| Fondi Allokati taħt l-Iskema tal-Attivitajiet | 3,000 |
| Fondi Allokati mill-Fondazzjoni Valletta 2018 | 3,000 |
| Dħul Totali | 14,500 |
| | |
| **Spejjeż** | |
| Trasport tal-Kor u l-Grupp Folkloristiku | 350 |
| Wallace Pipes and Drums | 300 |

| | |
|---|---:|
| *Ensemble* tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali | 1,100 |
| Jackson's Pipes and Flammable Pipers | 500 |
| Kummitiva Għawdxija | 500 |
| *Performers* oħrajn | 500 |
| Riklamar | 500 |
| *Artwork* | 590 |
| Siġġijiet | 500 |
| Preżentaturi | 100 |
| Tqassim ta' fuljetti | 597 |
| Stampar ta' fuljett u inviti | 900 |
| Avviż tad-Dipartiment tal-Informazzjoni | 10 |
| Dwal, audio u palk | 4,500 |
| Fotografu | 300 |
| Stampar u għarmar tal-*backdrop* | 1,100 |
| Servizz ta' sigurtà | 300 |
| Tifkiriet lill-parteċipanti | 400 |
| Saħra tal-impjegati | 800 |
| Kontinġenza | 250 |
| Nefqa totali | 14,097 |
| Bilanċ | 403 |

8.3. Il-Kunsill approva l-programm, kif ukoll l-ispiża marbuta miegħu skont ir-rendikont mogħti fil-minuta 8.2, aktar 'il fuq.

## 9.2. Tħejjijiet għall-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/3/1/Vol XIV)

9.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li l-edizzjoni ta' din is-sena ssir nhar il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2016. Huwa qal li l-bandu jitlaq fit-8.15pm minn Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Salvinu Vella u jintemm f'Misraħ il-Parroċċa.

9.4. Apparti l-għaqdiet mużikali tal-Mellieħa, is-Sur C. Bartolo ppropona li jkun hemm In Guardia, il-grupp Jacksons Żaqq u Tambur, flimkien mal-Falkuniera.

9.5. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa, filwaqt li ddeċieda li l-ħuġġieġa għandha tibqa' issir f'Misraħ il-Parroċċa, peress li hemmhekk ma tikkawżax problemi għat-traffiku.

## 10.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Attard illi tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-offerti (5/2016) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex isir Titjib fi Triq San Publiju fil-parti bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Parroċċa, skont permess mogħti mill-MEPA – PA 2979/14;***

***Billi l-unika offerta li saret ġiet evalwata f'dak li huwa dokumentazzjoni sottomessa u prezz ikkwotat;***

***Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha parzjalment fl-estimi tas-sena finanzjarja 2016, taħt il-kont Nru. 7518;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jiġi ffirmat mal-offerent Central Asphalt Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta."*. (P/4/26)**

10.2. Għal din il-parti tas-seduta attenda l-*Contracts Manager* il-Perit J. Attard u għalhekk is-seduta ġiet sospiża għal ftit tal-ħin sabiex ikun jista' jintervjeni. Il-Perit Attard għarraf li, wara kuntatti li kien hemm bejn il-Kunsill u l-offerent fil-preżenza tiegħu, ingħata skont fuq is-somma kkwotata fl-

offerta, peress li l-offerent kellu l-impressjoni li l-parti ta' Triq San Publiju ma tistax tkun aċċessibbli bil-vetturi u għalhekk addotta rati biex ikompri għal *double handling*. Meta ġie spjegat lill-offerent l-metodu kif jista' jiġi mwettaq ix-xogħol b'aktar faċilità ingħata skont ukoll f'dak li jirrigwarda l-użu tal-konkos biex is-somma finali niżlet minn €153,493 għal €133,919. Il-Perit Attard ikkummenta li din is-somma tista' tkompli tonqos meta jitkejjel ix-xogħol.

10.3. Is-Sindku ppropona li d-dwal ornamentali proposti fi Triq San Publiju jkunu pariġġ dawk li huma ntenzjonati li jsiru fi Triq il-Parroċċa. Għaldaqstant huwa ppropona sabiex tinkiseb stima mingħand l-offerent biex id-dwal ikunu tal-istess tip u għamla. Huwa qal li dan jaffettwa l-*item* (f) f'*bill* (H) tad-dokument tal-offerta u għalhekk jeħtieġ issir varjazzjoni f'dan is-sens.

10.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-varjazzjoni proposta fil-minuta 10.3. għandha tipprovdi wkoll għall-fanali meħtieġa li jsiru fi Triq San Publiju, bejn Triq il-Parroċċa u Triq il-Kappillan Magri, kif ukoll għall-isqaq li hemm f'din il-parti. Għaldaqstant, kien hemm qbil li b'kollox ikunu meħtieġa ħames fanali fuq l-arbli u ieħor fuq *bracket* għall-isqaq.

10.5. Is-Sindku qal li dan il-proġett jeħtieġ li jkun lest sa' nofs Awwissu 2016 minħabba l-Festa tal-Vitorja. Il-Perit J. Attard qal li ma jarax problemi biex ix-xogħol jitwettaq sa dik id-data, iżda ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ isir *survey* tax-xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija li għandu l-bokka tiegħu fi Triq San Publiju, liema *survey* ikun irid jiġi sottomess lis-Sovrintendenza tal-Partimonju Kulturali u lil Heritage Malta.

10.6. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

## 11.1. Introduzzjoni ta' *speed humps* fi Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol XII)

11.2. Is-Segretarju għarraf li tqassam 37 formola ta' kwestjonarju, fejn ir-residenti ta' Triq Għajn Żejtuna, fil-parti bejn Triq il-Kbira u Triq iż-Żebbuġ, ġew mistoqsija dwar jekk jaqblux li sewqan b'veloċità eċċessiva għandux jiġi kkontrollat permezz ta' *speed humps*. Irrispondew 20, li 11 minnhom qalu li jaqblu, filwaqt li 9 qalu li ma jaqblux.

11.3. Ma' l-istess ittra kien hemm pjanta mehmuża li fuqha ġew indikati ż-żewġ postijiet fejn intalbu l-i*speed humps*. Dawk li qablu li jsiru l-i*speed humps* ġew mistoqsija wkoll dwar jekk jaqblux mal-postijiet indikati fuq il-pjanta, ossija quddiem il-plots 20 u 32. Uħud ipproponew li għandhom jsiru oħrajn aktar 'l isfel, fil-parti d-dritta u anke lejn il-kurva qabel taqbad Triq iż-Żebbuġ.

11.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li wieħed irid jara dawk li qalu iva għandhomx il-proprjetà tagħhom qrib il-postijiet indikati fil-minuta 11.3, għar-raġuni li dawn jieħdu l-benefiċċji li jista' jkun hemm mingħajr ma jbagħtu mill-ebda nkonvenjent.

11.5. Is-Segretarju qal li wieħed mir-residenti lmenta li anke r-*rumble strips* li kienu saru xi snin ilu, jikkawżaw inkonvenjent bil-ħoss li jiġġeneraw, partikularment bil-lejl.

11.6. Is-Sindku osserva li fil-post in kwistjoni diġa ttieħdu miżuri biex jitnaqqas il-periklu, billi saret mera faċċata ta' *drive-in*, saru r-*rumble strips*, kif ukoll tabelli li jindikaw kurva perikoluża.

11.7. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li jinżamm l-i*status quo*.

## 12.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:

***"Billi l-udituri talbu li jsiru aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2015 oriġinali, li ġew sottomessi u approvati mill-Kunsill fis-seduta Nru. 51 tas-17 ta' Frar 2016; u***

***Billi t-tibdil li sar fl-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2015 oriġinali, ġew spjegati fid-dettal waqt is-seduta Nru. 56 tas-Seba' Kunsill li saret fl-24 ta' Mejju 2016;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Awditur Generali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".*** **(F/1/2/Vol VIII)**

12.2. Is-Segretarju spjega li t-tibdil li kien hemm fl-istqarrijiet finanzjarji oriġinali li ġew sottomessi mill-*accountant* għal dawk li ġew riveduti wara li saret il-verifika, kienu jinvolvu żieda ta' €51,715 fir-*Receivables*. Dan irriżulta b'rabta ma' l-ammont li tħallas lill-WasteServ (Malta) Ltd

direttament mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, biex b'hekk inqatgħu l-ammonti kollha relatati mal-2015. Din it-transazzjoni seħħet wara li kienu ngħalqu l-istqarrijiet finanzjarji.

12.3. Il-Kunsill innota l-aġġustament li sar. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**13.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2016 (F/1/1/Vol II)**

13.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett tħalliet għall-kontinwazzjoni tas-seduta appuntata għall-31 ta' Mejju 2016.

**14.1. Pubblikazzjoni ta' antoloġija ta' Anthony Fenech (P/3/5)**

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li nkisbet stima mingħand Red Box Printers dwar l-istampar *in full colour* ta' mitejn kopja tal-pubblikazzjoni "Għanja ta' Ħajti" li tammonta għal €1,020.

14.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase order*.

**14.1. Akkwist ta' materjal promozzjonali għall-Kunsill (P/4/5/Vol III)**

14.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett tħalliet għall-kontinwazzjoni tas-seduta appuntata għall-31 ta' Mejju 2016.

**15.1. Manutenzjoni ta' toroq wżati mill-bdiewa (H/1/2)**

15.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett tħalliet għall-kontinwazzjoni tas-seduta appuntata għall-31 ta' Mejju 2016.

**16.1. Ħaddiema mpjegati mal-*Community Workers Foundation* (E/3/6)**

16.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett tħalliet għall-kontinwazzjoni tas-seduta appuntata għall-31 ta' Mejju 2016.

**17.1. (T/6/1/Vol II)**

17.2. Is-Sindku għarraf li fuq inizjattiva tal-kustodju tal-Kappella tal-Kunċizzjoni li hemm fil-Ponta tal-Aħrax, reġa' nbena ħajt tas-sejjieħ li kien twaqqa'. Is-Sur J. Buttigieg qal li saritlu talba sabiex il-Kunsill jipprovdi l-konkos meħtieġ ħalli jsir *coping* bil-għan li l-ħajt jiġi mħares aktar mill-vandaliżmu.

17.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**18.1. Tindif tal-Bajjiet tal-Għadira u tal-Mixquqa matul ix-xhur tas-sajf (K/6/11)(X/1/3/Vol VIII)**

18.2. Is-Sindku għarraf li fit-13 ta' Mejju 2016 saret laqgħa ma' rappreżentanti minn Nature Trust, l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, mill-Cleansing Service Directorate, u Green MT Ltd. Mill-istess laqgħa ġie kkonfermat li l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu ser tipprovdi l-*bins* meħtieġa għas-separazzjoni tal-iskart, kemm fil-każ tal-Għadira, kif ukoll fil-Mixquqa, filwaqt li Green MT Ltd ser tidħol għat-tbattil tagħhom, matul il-perjodu tal-Blue Flag, li jestendi bejn il-15 ta' Ġunju u l-15 ta' Settembru 2016. Il-*bins* ser ikunu maqsuma f'erba' kompartamenti, li 18 minnhom ser jitpoġġew fl-Għadira, u 6 fil-Bajja tal-Mixquqa. It-tbattil tagħhom ser isir mit-Tnejn sal-Ħamis darbtejn kuljum (fis-6.00am u f'nofsinhar), filwaqt li fi tmiem-il ġimgħa tliet darbiet (fis-6.00am; f'nofsinhar; u fl-4.00pm). Green MT Ltd ser jestendu s-servizz ta' ġbir ta' skart riċiklabbli fl-Għadira Caravan Site mill-21 ta' Gunju 2016 u jkompli sal-aħħar tas-sajf.

18.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll li l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu ser tkun qed timpjega żewġ *beach supervisors* li ser ikunu fl-Għadira u fil-Mixquqa, filwaqt li ser tiffinanzja servizz ta' *sand sifting* darba kull ħamest'ijiem fl-Għadira u darba fil-ġimgħa fil-Mixquqa.

18.4. Ġie spjegat li minn naħa tal-Kunsill qed isir titjib fiż-żewġ latrini pubbliċi tal-Għadira, inżebgħu l-bankijiet tal-*promenade*, kif ukoll inbidel xi injam u inżebgħu l-imwejjed tal-*barbecues*. L-ispejjeż tal-materjal biex isir dan ix-xogħol ser tagħmel tajjeb għalihom l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

18.5. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00pm u kien hemm qbil li l-kontinwazzjoni tagħha ssir nhar it-Tlieta 31 ta' Mejju 2016 fis-7.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**